MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

*Local Councils Department*

LCD 62/1995/II

10 ta' Diċembru 1999

Lis-Sindki u s-Segretarji
Kunsilli Lokali

## Memo 83 /1999

## KUMPENS TA' LM10 MILL-GVERN TA' DARBA BISS

Nirreferi għall-kumpens ta' Lm10 li ser jingħata lil kull persuna skond kif imħabbar fl-aħħar *Budget Speech*. Id-Dipartiment tat-Teżor ser iħallas din is-somma permezz tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma lill-persuni skond kif jidher fuq l-aħħar kont maħruġ tad-dawl u l-ilma.

Peress li jista' jkun hemm xi każijiet fejn id-dettalji murija fil-kont ma jaqblux ma dawk attwali, il-pubbliku qed jingħata l-opportunita illi jinforma lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma b'dan it-tibdil billi jimla formola apposta li tista' tinkiseb mill-Kunsill Lokali tal-lokalita' tiegħu ħalli l-pagament isir kif mixtieq. Il-formoli mimlija jridu jinżammu fil-Kunsill Lokali tagħkom sakemm jinġabru mill-Korporazzjoni stess.

Qed nehmez ma' din iċ-ċirkolari kopja ta' din il-formola li tista' tiġi kkupjata għall-użu fejn jenħtieġ. Jekk ikun hemm il-bżonn, formoli oriġinali jistgħu jinkisbu mir-rappreżentanti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma meta dawn jiġu biex jiġbru l-formoli mimlija.

Il-Kunsilli Lokali li jkunu jixtiequ jiksbu iktar tagħrif dwar dawn l-arranġamenti jistgħu iċemplu lis-Sur George Sultana,(Dipartiment tat-Teżor) fuq in-numru 239755.

Victor J Rizzo
Direttur (Kunsilli Lokali)

Kopji: Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (Malta)
Awditur Ġenerali
Chief Executive, K.S.I.

CHATEAU DE LA VILLE, 21, TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904